# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024.**

**Numru : 10**

**Rikors numru 147/2020/1 TA**

**Anthony Ellul**

**v.**

**Josef Aquilina u Patricia Aquilina**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell prinċipali tal-konvenuti Josef u Patricia Aquilina, kif ukoll dwar appell inċidentali tal-attur Anthony Ellul minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Settembru, 2023, fejn il-konvenuti ġew ikkundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' €22,728 għaliex instabu li kienu jaħtu f'sehem ta' 80% fl-inċident tat-22 ta' Mejju, 2018, fejn fih weġġa' l-attur.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-19 ta' Frar, 2020, l-attur Anthony Ellul fisser li fil-jum tat-22 ta' Mejju, 2018, huwa korra ġewwa r-residenza privata tal-konvenuti Aquilina. Dan l-inċident seħħ waqt li l-attur kien qiegħed jgħaddi xi *cables* bħala parti mix-xogħol tiegħu ta' *cable installer*, u dan billi waqa' minn għoli ta' madwar sular wara li ċediet bih biċċa minn tisqifa tal-*perspex* li tinsab fuq il-bejt tal-konvenuti.

3. L-attur stqarr li b'kaġun ta' dan l-inċident, huwa spiċċa biex ġarrab u għadu jġarrab id-danni, anke għaliex beda jbati minn diżabbiltà permanenti.

4. Kompla jgħid li huwa qiegħed iżomm lill-konvenuti Aquilina responsabbli għal dak kollu li ġralu u peress li kien ta' xejn li b'ittra uffiċjali tal-1 ta' Novembru, 2019, huwa talabhom sabiex jersqu jħallsuh dawk id-danni, huwa ressaq din il-kawża li biha talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-konvenuti Josef u Patricia, konjuġi Aquilina, responsabbli għall-inċident de quo li seħħ fit-22 ta' Mejju, 2018;*
>
> *2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, kemm dawk bħala damnum emergens kif ukoll dawk bħala lucrum cessans; u*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenuti Josef u Patricia, konjuġi Aquilina in solidum iħallsu lill-attur id-danni kollha li jiġu hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa in subizzjoni.»*

5. Bi tweġiba maħlufa mressqa fid-9 ta' Ottubru, 2020, il-konvenuti Josef u Patricia Aquilina, wieġbu għall-kawża billi qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti assolutament mhumiex leġittimi kontraditturi sabiex jirrispondu għall-pretensjonijiet tal-attur u dan stante li jekk teżisti relazzjoni ġuridika din hija biss mal-kumpannija li timpjega jew ikkuntrattat lill-attur, li se mai naqset sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-istess attur. L-esponenti bl-ebda mod ma ngaġġaw lill-attur. Jidher li din hija l-kumpanija GO P.L.C. (C22334).*

*2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju teżisti karenza ta' integrità ta' ġudizzju għaliex jekk l-attur huwa miżżewweġ u jekk iż-żwieġ tiegħu huwa regolat bil-komunjoni tal-akkwisti allura kull dannu li jista' jispetta lill-istess attur huwa kreditu li jolqot l-istess komunjoni. Bl-istess mod, kull dannu li «huwa» ħallas bħala allegat damnum emergens ġie derivanti mill-istess komunjoni. Għalhekk kien hemm il-ħtieġa tal-mara tal-attur f'dawn il-proċeduri u dan anke għaliex il-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek huwa att straordinarju fil-liġi nostrana.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu, l-attur ma jista' qatt jilmenta li r-responsabbiltà tal-istess inċident hija kaġun ta' xi nuqqas da parti tal-esponenti, iżda se mai għandu japplika b'mod totali l-prinċipju volenti non fit iniuria stante li dak li seħħ se mai kien bl-aċċettazzjoni, volontà u responsabbiltà esklussiva tal-attur.*

*4. Illi fil-mertu wkoll l-esponenti ma jaħtu bl-ebda mod għal dan l-akkadut u dan kif sejjer jirriżulta waqt is-smigħ u trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*5. Illi fil-mertu wkoll, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Din l-eċċezzjoni tinkorpora wkoll l-ammonti pretiżi u l-allegata diżabbiltà li qed jiġu kkontestati.*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. Il-konvenuti Aquilina ċedew it-tieni eċċezzjoni tagħhom fin-nota ta' sottomissjonijiet, f'paġna 168 tal-atti tal-kawża.

7. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2023, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi: (i) sabet lill-konvenuti Josef u Patricia Aquilina responsabbli fil-grad ta' tmenin fil-mija (80%) għall-inċident inkwistjoni; (ii) likwidat id-danni mġarrba mill-attur fl-ammont ta' €22,728; (iii) u fl-aħħar nett, ikkundannat lill-konvenuti Aquilina sabiex iħallsu lill-attur dawk id-danni hekk kif likwidati, kif ukoll is-sehem ta' erba' partijiet minn ħamsa (4/5) tal-ispejjeż tal-kawża. Min-naħa tiegħu, l-attur Anthony Ellul ġie wkoll ikkundannat iħallas is-sehem ta' wieħed minn ħamsa (1/5) mill-ispejjeż tal-kawża.

8. L-Ewwel Qorti wasslet għal din id-deċiżjoni fuq is-saħħa ta' bosta konsiderazzjonijiet, fosthom dawk li ġejjin:

> *« <u>Ir-responsabbiltà</u>*
>
> *10. Fis-sustanza l-attur isostni li l-inċident inkwistjoni okkorra minħabba li l-Atturi, qua sidien tal-fond fejn kien qiegħed jaħdem messhom allarmawh dwar dan is-saqaf tal-perspex konsapevoli kif kienu li ried jitla' fuq il-bejt biex jgħaddi dan il-cable. Ovvjament l-Atturi jsostnu mod ieħor kif ser jingħad aktar 'l isfel.*
>
> *11. Ix-xhud Mario Demicoli, li dakinhar kien mal-Attur jgħid li meta daħlu għand il-konvenut dan ma qalilhom xejn dwar dan is-saqaf u li <u>l-konvenut kien mal-Attur fuq</u> (a fol 42 u 42 tergo enfasi tal-Qorti). Min-naħa tiegħu l-konvenut (sic!) ma tantx kien konsistenti fix-xhieda meta jixhed hekk:*
>
>> *«… jiena tlajt mas-sid il-fond ċjoè s-Sur Josef Aquilina … Niddikjara u ngħid li jien imxejt wara s-Sur Aquilina fuq il-bejt, wara li ġie identifikat il-post minn [fejn] kellu jinżel il-cable, jiena komplejt nimxi fuq il-bejt, ngħid li f'dan il-mument kien dejjem viċin tiegħi. Ngħid li wara li mxejt ftit aktar 'il quddiem, kien hemm tarġa żgħira u wara kien hemm saqaf ieħor, ngħid li fl-ebda mument is-sid ma saħaq li dan kien saqaf tal-perspex u li ma stajtx nirfes fuqu. Bil-konsegwenza li kif niżżilt sieqi fuq dan is-saqaf, bil-piż tiegħi l-istess saqaf waqa' bil-konsegwenza li waqajt sular u ġejt ġewwa l-bitħa nterna. <u>Ngħid li s-sur Josef Aquilina li kien ftit 'il bogħod minni, qatt ma infurmani li dan is-saqaf kien biss tinda tal-perspex miżbugħa u li ridt noqgħod attent sabiex nirfes fuqu</u>.» (a' fol 28 u 29 enfasi tal-Qorti).*

*12. Jgħid ukoll li din kienet miżbugħa, qalha wkoll fir-rapport lill-Pulizija (a fol 65). Però in kontroeżami qal hekk «Le, le just newwilili. Dak il-ħin kif newwilili, jiena dort. Issa jekk niżel isfel jew tela' warajja żgur ma nafx. Warajja warajja ma telax, jekk baqa' isfel, seta jarani, ra fejn sejjer» (a' fol 97).*

*13. Il-konvenut jixhed hekk: «għidtlu li just nitilgħu għandna ħajt diviżorju tlajna minn hemm, tela' minnhekk newwiltlu l-kaxxa u baqa' sejjer. Jiena kont ghadni tiela' l-istaffi li kien hemm.» (a' fol 91 tergo). Din il-Qorti għalhekk tikkonkludi li fil-mument li l-Attur rifes fuq il-perspex u baqa' nieżel minn ġo fiha l-konvenut ma kienx fuq il-bejt hu huwa verosimili li kien għadu tiela' ma speċi ta' ħadid li jservi ta' staffa għal fuq il-bejt. Però għar-raġunijiet li ser ikunu spjegati iktar 'l isfel ftit tagħmel differenza jekk il-konvenut kienx laħaq tela' fuq il-bejt għaliex ai fini ta' responsabbiltà seta' ma tela' xejn.*

*14. Il-kwistjoni kollha hija marbuta mal-konsiderazzjoni jekk kienx hemm xi xorta ta' obbligi da parti tal-Atturi, konsapevoli li l-Attur kien tiela' fuq il-bejt li javżawh b'dan is-saqaf tal-perspex.*

*15. F'sitwazzjoni simili għal dik li għandha quddiemha din il-Qorti dawn il-Qrati osservaw hekk:*

> *«…illi ladarba l-attur talab lill-Maltacom tibgħat in-nies isewwu u fil-fatt awtorizza lil min kien id-dar biex jippermetti lill-attur jitla' fuq il-bejt tirrendi lill-istess konvenut responsabbli għal dak li ġara. Ladarba poġġa l-bejt tiegħu għad-dispożizzjoni ta' min ried jaħdem fuqu, dan messu ħa ħsieb li jneħħi l-periklu moħbi, <u>periklu li kien jaf bih hu biss</u>. Dawn iċ-ċirkostanzi jirrenduh responsabbli ta' dak li ġara.» (Ara* ***sentenza tal-PA tal-24 ta' Jannar, 2008 fl-ismijiet Mario Camilleri v. Maltacom Plc u Daniel Mercieca.*** *Enfasi tal-Qorti).*

*16. Il-konvenut fl-affidavit tiegħu qal hekk «Apparti minn hekk il-perspex jidher. Jidher ċar ħafna li mhuwiex struttura soda li wieħed jista' jirfes fuqha. M'hemmx għalfejn wieħed jiġi avżat. Ellul kellu fejn jirfes. Seta' joqgħod fuq iċ-ċnut ta' madwar ix-shaft jew jirfes fuq il-biċċa konkos li hemm fuq in-naħa l-oħra tax-xhaft. Jekk kellu dubju seta' jiġi lura u jistaqsini.» (a' fol 102).*

*17. Bir-rispett kollu lejn il-konvenut, il-Qorti ma taqbel xejn mar-raġunament tiegħu. Kulma hemm bżonn li jsir li wieħed jara ritratt tal-perspex kif kienet dakinhar tal-inċident u mhux dak li rat il-Qorti meta għamlet l-aċċess (a fol 85 u 86). Fir-rapport lill-Pulizija l-Attur mill-ewwel ġibed l-attenzjoni jgħid li t-tinda ma kinitx tidher għaliex kienet miżbugħa l-istess kulur tal-bejt (a fol 65). Il-Konvenut jgħid li kien hemm differenza fil-kulur u ma żamm ebda parti minn din Perspex (a fol 128).*

*18. Mir-ritratt inkwistjoni, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li dan is-saqaf tassew kellu lewn bħal dak tal-bejt. Jidher ċar li dan kien saqaf li kien ilu espost għax-xemx u li kien ukoll misjur. Il-Qorti tasal għal din il-*

*konklużjoni anke minn natura tat-toqba li ħalla warajh l-Attur wara li waqa'. Is-saqaf ma waqax kollu iżda huwa ċar li dan il-perspex tant kien misjur li aktar milli sfronda ċediet biss il-parti fejn rifes l-Attur. Ir-raġunament tal-konvenut li l-Attur messu staqsih qabel, ma jagħmel xejn sens, għaliex il-periklu li kienet tippreżenta din il-perspex ma kienx magħruf għall-Attur iżda għall- konvenut. Il-perspex kienet litteralment indistingwibbli mill-bqija tal-bejt u għalhekk il-konvenuti kellhom obbligu li jgħarrfu b'dan lill-Attur. Wara kollox il-konvenut xehed hekk ukoll meta mistoqsi mill-Qorti: «Issa biex jimxi biha ried jgħaddi minn ħdejn din il-perspex biex imur fejn kellu l-pjan tax-xogħol?" Wieġeb iva imma qal ukoll li seta' għadda minn madwar il-perspex (a fol 129 tergo u 130). Dan huwa raġunament għalkollox erronju għaliex warakollox hu kien f'distanza li seta' jisimgħu kieku ried javżah għaliex kien għadu tiela' mal-istaffa (ara a' fol 90).*

*19. Konformament mal-obbligi li għandhom is-sidien l-awturi josservaw is-segwenti:*

> *«Per quanto riguarda il Proprietario la giurisprudenza ha chiarito, da tempi rialenti, che egli è custode in quanto ha la padronanza e la disponibilità di diritto sul bene proprietario, ma che non bisogna confondere la disponibilità in senso giuridico con la possibilità di esercitare di fatto una piena piena e concreta vigilanza sul bene e di escludere ogni altro soggetto da qualsiasi rapporti con il bene stesso.*
>
> *………*
>
> *A dire il vero, in giurisprudenza si trovano spesso affermazioni che fondano la responsabilità; del proprietario sulla violazione di un obbligo di vigilare e mantenere sotto controllo la cosa i proprietà, in modo che non si verifichi danni ai terzi.*
>
> *In dottrina è stata avanzata anche la tesi secondo cui il concetto di custodia dovrebbe collegarsi con quelli di uso e di sfruttamento economico della cosa, nel senso che al custode viene accollata la responsabilità <u>perché e il soggetto che trae profitto della proprietà</u>» (Ara* ***Giovanna Visintini, Trattato Breve Della responsabbilità Civile, Cedam, Ed 1996, pg 653*** *Enfasi tal-Qorti). Huwa interessanti li l-parti sottolinejata hija fis-sens tal-osservazzjoni li għamlet il-Qorti tagħna fis-Sentenza suċitata.*

*20. Di più l-Qorti tfakkar li kull «Min iħaddem għandu jwaqqaf l-aċċess għall-bjut li jkunu magħmula minn xi materjal ta' saħħa insuffiċjenti jew fejn ikun hemm riskju li s-saqaf jew parti minnu jista' jaqa'» (Ara* ***L.S. 424.15, Reg 13(7)****). F'dawn ir-regolamenti l-kelma saqaf tinkludi «soqfa, soqfa foloz, soffitti u tined.» Din il-Qorti ma tarax li m'għandhiex tapplika dan l-obbligu għall-każ li għandha quddiemha anke jekk l-Atturi ma humiex stricto iure employers tal-Attur, għaliex finalment dan irid ikun miftuh fl-obbligu ġenerali li jemerġi mill-****Kodiċi Ċivili****.*

*21. Għalhekk għal din il-Qorti huwa evidenti li l-Atturi ċertament għandhom iwieġbu għad-danni li sofra l-Attur. Il-mistoqsija li tqum f'dan*

*l-istadju hi, jekk l-Attur għandux ukoll iwieġeb għal xi xorta ta' kontributorjetà għall-inċident stante li ma kellu ebda ilbies protettiv li xogħol bħal dan jitlob, bħalma hija harness, helmet, elbow jew knee caps.*

*22. Dwar ir-responsabbiltà tal-ħaddiem fuq il-lant tax-xogħol dawn il-Qrati jinsistu li l-**Artikolu 7(1) tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta** jimponi fuq il-ħaddiem l-obbligu li jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (ara sentenza fl-ismijiet **Richard Farrugia v. Elbros Construction Limited**, Prim'Awla, deċiża 30 ta' Ottubru, 2008).*

*23. Ħaddiem għandu dejjem ikun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u lil dawk ta' madwaru (Ara sentenza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Alf. Mizzi & Sons Ltd**, Prim'Awla, deċiża 9 ta' Ottubru, 2003). Din il-Qorti żżid tgħid li l-perikoli ma għandhomx ikunu magħrufa minn qabel għaliex kull xogħol bħal dak tal-Attur jġib kultant riskji imprevedibbli. Għalhekk l-insistenza kontinwa ta' ilbies prottettiv.*

*24. In oltre, jekk jintwera li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew anke b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh, allura r-responsabbiltà ma tibqax aktar ta' min iħaddem, anzi di più f'dawk iċ-ċirkostanzi r-responsabbiltà ta' min iħaddem tista' wkoll tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel (Ara sentenza fl-ismijiet **Malcolm James Carter -v. CC. Carparks p.l.c**, Prim'Awla, tal-4 ta' Novembru, 2015 (mhux appellata).*

*25. In-norma li insibu **f'Artikolu 7(1) tal-Kap 424 tal-Liġijiet [ta' Malta]** hija ċara li «Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.»*

*26. Din il-Qorti kif preseduta diġà kellha opportunità tippronunzja ruħha fuq dan l-artikolu partikolari meta qalet hekk:*

> *«Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (**Art. 7(1) tal-Kap 424**), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu sa fejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (**Art. 7(2) tal-Kap 424**)» (Ara sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet **Mario Micallef v. Valletta Gateway Terminals Limited**).*

*27. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżultalha li l-Attur lanqas il-minimu ta' lbies protettiv ma kellu. Fost oħrajn xi xorta ta' elbow pads. Mir-rapport tat-tobba, kemm dawk ex parte u anke dawk tal-Qorti l-ħsara saret prinċipalment fil-minkeb. Issa l-**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili** jagħmilha ċara li «jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza,*

*ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara,il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni lil dik il-parti, tiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu kkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni.»*

*28. Dwar din il-parti tal-liġi din il-Qorti kif preseduta diġà kellha okkażjoni li tippronunzja lilha nnifisha fis-sentenza tal-20 ta' Mejju, 2021 fl-ismijiet* ***Censina Robinson v. Josef Zerafa*** *fejn qalet hekk: «Minn dan l-Artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għall-ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ meta kienet fis-sakra).»*

*29. Issa fil-każ odjern, din il-Qorti tħoss, li għall-fatt li l-Attur ma kellux lanqas il-minimu ta' lbies prottetiv, għalkemm ma kienx il-persuna li ta okkażjoni għall-inċident, ġie li kkontribwixxa għad-danni. Kieku kien liebes dan ix-xorta ta' lbies protettiv, skont kif jiddettaw ir-riskji li jġib miegħu ix-xogħol partikolari, id-danni possibbilment kienu jkunu inqas. Għalhekk f'dan ir-rigward qed tistabbilixxi r-rata ta' 20% bħala kontributorjetà da parti tal-Attur għad-danni li sofra.*

*30. Fl-aħħar nett il-konvenuti jeċċepixxu l-prinċipju ta' volenti non fit injuria. F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tirrileva li kull xogħol għandu perikli inerenti fih. Però dan ma jfissirx għalhekk li dan il-prinċipju huwa applikabbli għal kull attività. Dan il-prinċipju hu fil-maġġior parti applikabbli għal dak ix-xogħol konsistenti f'attivitajiet sportivi li manifestament jippreżentaw riskju bħalma huwa l-boxing, il-futbol, is-sewqan ta' jet skis u attivitajiet simili.*

*31. Fis-sentenza tat-12 ta' Marzu, 2012, fl-ismijiet* ***David Gathergood v. Anchor Bay Leisures Limited et****, din l-Qorti diversament ippreseduta indikat liema huma r-rekwiżiti meħtieġa sabiex tirnexxi d-difiża ta' volenti non fit iniuria:*

> *«Il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibbiltà tar-riskju li dieħla għalih.*
>
> *Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għamil tal-parti l-oħra.»*

*32. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Kevin Zammit v. Maltapost p.l.c.*** *tal-21 ta' Mejju 2011, il-Qorti kkwotat l-attur Ingliż* ***Charlesworth*** *fil-ktieb «****The Law of Negligence****» li għar-rigward tal-prinċipju tal-«volenti non fit*

*iniuria» jgħid:- «A person who makes an agreement with another either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run.» (Ara wkoll* ***Anthony Turner et -vs- Francis Agius*** *tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Novembru 2003).*

*33. Mill-banda l-oħra l-prinċipju «volenti non fit iniuria» ġie mfisser mill-awturi* ***Catherine Elliot*** *u* ***Frances Quinn*** *hekk : «This Latin phrase means 'no injury can be done to a willing person', and describes a defence which applies where the claimant has in some way consented to what was done by the defendant, on the basis that in giving consent the claimant was voluntarily taking the risk of harm … Unlike contributory negligence, it is a complete defence, rather than a means of reducing damages: if the claimant consented, the defendant is not liable at all». (****Tort Law - Third Edition (2002) p. 111-2****).*

*34. Għalhekk wara eżami tal-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti, fid-dawl ta' dan it-tagħlim, ma tistax tifhem kif qatt tista' taċċetta li dan il-prinċipju huwa applikabbli għall-kawża li għandha quddiemha. Għalhekk anke din l-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.*

<u>*Likwidazzjoni tad-Danni*</u>

*35. Bħalma dejjem jiġri f'każijiet bħal dawn il-Qorti l-ewwel ma tqis l-element ta' responsabbiltà u wara, f'każ li jirriżulta li hemm din ir-responsabbiltà, tikkonsidra d-danni sofferti u ta' liema natura huma.*

*36. Id-danni klassikament dejjem jitqiesu ta' żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (damnum emergens) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (lucrum cessans). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi* ***Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili*** *li jgħid hekk:*

> *«Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.»*

*37. Però din il-Qorti tagħti wkoll importanza l-prinċipju tar-restitutio ad integrum, fis-sens li l-vittma għandha titqiegħed kemm jista' jkun fil-pożizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar min-natura ta' deżiderata milli reali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident, li l-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.*

*38. Din il-Qorti ssejjaħ dan l-element bħala r-restituzzjoni tal-integrità tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-istatus quo ante. Jekk l-Attur kien jipprattika sport, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu l-ħila li jkollu żewġ impjiegi, jista' jkun li issa lanqas wieħed ma jista' jkollu. Mhux ħtija tiegħu li ma baqax*

*bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni.*

*39. F'dan ir-rigward **Munkmen** isemmi l-każ ta' **Heil v. Rankin** fejn intqal hekk: «The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…» (Ara **Munkmen on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, paġ 3**). Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati f'**Butler v. Heard**, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat- telf tal-integrità psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrità li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident fil-ħajja ta' dak li jkun.*

*<u>Damnum emergens</u>*

*40. Dan jikkonsisti fit-telf effettiv. Minn eżami tal-provi l-Qorti wasslet għall-konklużjoni li wasal għaliha l-Attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu u ċjoè li dan ix-xorta ta' dannu jammonta għal seba' mija wieħed u erbgħin ewro (€741) (ara a fol 163).*

*<u>Lucrum cessans</u>*

*41. L-elementi prinċipali fir-rigward tal-fissazzjoni ta' dan ix-xorta ta' kumpens huma s-segwenti.*

*42. L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilità hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabbiltà, dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.*

*43.* ***.*** *Fil-każ li għandha quddiemha d-diżabbiltà tal-Attur ċertifikat medika (sic!) ta' Massimo Abela ortopediku hija dik ta' 8% diżabbiltà (a fol 9). Dik stabbilita minn Mr. Fredrick Zammit Maempel, maħtur bħala espert ta' din il-Qorti, hija wkoll dik ta' 8% (a fol 142). Għalkemm saret l-eskussjoni ta' dan l-aħħar Perit, il-Qorti ma sabet ebda raġuni għalfejn għandha b'xi mod tiddipartixxi minn dawn il-konklużjonijiet.*

*44. Sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għalkollox desiderabbli li, sa fejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attività tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ, li tkun qiegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew,*

*jew iwasslu għall-possibbiltà li l-vittma «takkumula» perċentwali ta' debilità li donnhom «jippremjawha» kumulattivament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala «partial wreck cases», fejn il-midrub ma jitlifx għalkollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.*

*45. F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabbiltà permanenti, dan ma jipprekludix lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwal ta' diżabbiltà l-persuna ser tkun għall-bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol. Il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jaqa' fl-ewwel kategorija ta' diżabbiltà.*

*46. Qabel ma' l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.*

*47. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala «a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases» (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).*

*48. Huwa wkoll stabbilit u aċċettat minn dawn il-Qrati li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara s-sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkstanzi.*

*<u>Il-Multiplier</u>*

*49. Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley v. Edward u Lydia konjuġi Restall** tal-25 ta' Jannar 2012 il-Qorti kellha dan xi tgħid:*

> *«Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta'*

> *likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża ntqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu inkonsiderazzjoni ċ-chances and changes of life, b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġat li jieħu kumpens daqslikieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in konsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni».*

*50. Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża* ***Lambert v. Buttigieg*** *deċiża fit-18 ta' April, 1963 fejn kienet qalet hekk:*

> *«f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qligħ hu ħaġa ta' possibbiltà u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġat.»*

*51. Mill-provi li għandha quddiemha din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-Attur kellu xi mard kroniku serju determinanti fuq il-lonġevità ta' ħajtu. Iżda wara kollox anke il-partijiet stess huma konkordi li bejn meta weġġa' sakemm jirtira il-medda ta' żmien ai fini ta' kalkolu hija dik ta' 29 sena.*

*52. Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-sentenza finali (ara sentenza fl-ismijiet* ***Scicluna v. Meilaq*** *PA 16 ta' Lulju, 2001). Fis-sentenza tal-Prim Awla* ***Caruana v. Camilleri*** *PA tal-5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: «jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction» – (ara sentenza fl-ismijiet* ***Agius v. Fenech*** *29 ta' Ottubru, 2003). Fis-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet* ***Mizzi v. Azzopardi*** *tas-16 ta' Diċembru 2004 is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet* ***Spiteri v. Zammit Tabona*** *App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u* ***Caruana A v. Camilleri*** *App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-sentenza fl-ismijiet* ***Galea v. Piscopo PA*** *3 ta' Ottubru 2003, 5% f'****Scicluna vs Meilaq*** *PA 16 ta' Lulju 2001 u 0% fil-kawżi* ***Turner v. Agius*** *App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 200****3, Bonnici v. Gauci*** *PA 15 ta' Settembru 1999 meta għaddew 15-il sena.*

*53. Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta'18% bħala lump sum payment ikun ġust.*

*<u>Perċentwal ta' diżabbiltà permanenti</u>*

*54. Abbażi tal-prinċipji fuq imsemmija, din il-Qorti għandha tibbaża prinċipalment fuq l-introjtu annwali ġej mill-impieg li kellu l-Attur fil-mument tal-inċident. Imma f'dan ir-rigward din il-Qorti rriskontrat problema peress li l-Attur ma ressaq ebda prova tal-introjtu preċiż tiegħu bħal pereżempju FS3s tat-taxxa. B'danakollu dan ma jfissirx li din il-Qorti minħabba f'hekk ma għandhiex tillikwida danni. Li jfisser hu li din il-Qorti ser tintrabat ma kemm hija l-paga medja bħalissa hu x'inhu l-introjtu reali tal-Attur. Għalhekk wara li rat x'kienet il-paga medja tal-Attur fl-2018 skont statistiċi tal-Bank Ċentrali ssib li s-somma ta' tlettax-il elf sitt mija u disgħa u għoxrin ewro (€13,629) hija waħda ġusta u għandha tkun ikkunsidrata.*

*55. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ser tkun ukoll qiegħda żżid kull somma likwidata b'6% biex tagħmel tajjeb għall-aspett inflazzjonarju tenut kont li kull somma ser tingħata bil-quddiem meta fil-ġejjieni hemm ħafna aktar ċar li l-ħajja tkompli togħla milli tonqos.*

*56. Għalhekk il-Qorti qed tgħaddi biex tillikwida il-lucrum cessans b'dan il-mod:*

*Tlettax-il elf, sitt mija u disgħa u għoxrin ewro (€13,629) x 29 (aspettativa tal-ħajja) = tliet mija u ħamsa u disgħin elf mitejn u wieħed u erbgħin ewro (€395,241) – wieħed u sebgħin elf mija u tlieta u erbgħin ewro (€71,143) (lump sum payment) x 8/100 (8% rata ta' diżabbiltà) = ħamsa u għoxrin elf disgħa mija tmienja u għoxrin ewro (€25,928) – 20% (20% kontributorjetà) = għoxrin elf seba' mija u tnejn u erbgħin (€20,742) + 6% (rata inflazzjoni) = wieħed u għoxrin elf disa' mija sebgħa u tmenin ewro (€21,987)+ damnum emergens (€741) = tnejn u għoxrin elf seba' mija u tmienja u għoxrin ewro (€22,728).»*

9. Il-konvenuti Josef u Patricia Aquilina appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-20 ta' Ottubru, 2023, u hemmhekk huma talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata u minflok tiċħad it-talbiet kollha tal-attur billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom. Jekk dan mhux possibbli, il-konvenuti appellanti talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex għallinqas tnaqqas l-ammont ta' danni likwidati favur l-attur. Talbu wkoll biex l-ispejjeż kollha kemm tal-appell kif ukoll dawk ta' quddiem l-Ewwel Qorti jiġu mħallsa mill-attur.

10. Bi tweġiba mressqa fit-8 ta' Novembru, 2023, l-attur Anthony Ellul wieġeb għall-appell tal-konvenuti Aquilina billi ressaq ir-raġunijiet tiegħu għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontrihom.

11. Anthony Ellul inqeda bl-istess tweġiba biex ressaq ukoll appell inċidentali li fih talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tibdel is-sentenza appellata billi: (i) tħassarha sa fejn l-Ewwel Qorti sabet li huwa kkontribwixxa għall-inċident inkwistjoni fil-sehem ta' għoxrin fil-mija (20%) u minflok issib li l-istess inċident seħħ għalkollox bi ħtija tal-konvenuti Aquilina; (ii) tħassarha sa fejn likwidat id-danni mġarrba minnu fl-ammont ta' €22,728 u minflok tillikwida d-danni fl-ammont ta' €26,583.33; u (iii) fl-aħħar nett, tibdel il-kap tal-ispejjeż b'tali mod li l-konvenuti Aquilina għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

12. Il-konvenuti Aquilina laqgħu n-notifika tal-appell inċidentali fid-29 ta' Novembru, 2013, però baqgħu ma ressqu l-ebda tweġiba.

13. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. B'dan l-appell, kemm il-konvenuti Josef u Patricia Aquilina kif ukoll l-attur Anthony Ellul qegħdin b'mod partikolari jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti sabet li kull parti kellha terfa' biċċa mir-responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni, fl-ishma rispettivi ta' tmenin fil-mija (80%) għall-konvenuti, u għoxrin fil-mija (20%) għall-attur.

15. Min-naħa 'l waħda, fl-ewwel żewġ aggravji tal-appell ewlieni tagħhom, il-konvenuti Josef u Patricia Aquilina qegħdin jinsistu li l-Ewwel Qorti ma kellhiex iżżommhom responsabbli għall-ħsara mġarrba minn Anthony Ellul. Fit-tielet aggravju, il-konvenuti qegħdin imbagħad iressqu argument sussidjarju, li f'kull każ l-Ewwel Qorti kellha ssibhom responsabbli f'sehem inqas minn dak ta' tmenin fil-mija (80%) għaliex l-attur ikkontribwixxa għall-inċident fi grad ogħla minn dak ta' għoxrin fil-mija (20%).

16. Mill-banda 'l oħra, fl-ewwel aggravju tal-appell inċidentali, l-attur Anthony Ellul qiegħed jisħaq li l-Ewwel Qorti ma kellha ssib l-ebda ħtija kontributorja f'għemilu, u li għalhekk kellha tikkonkludi li l-inċident inkwistjoni ġara għalkollox bi ħtija tal-konvenuti Aquilina.

17. Billi dawn l-aggravji huma faċċata differenti tal-istess munita, il-

Qorti sejra tkun qiegħda tistħarriġhom flimkien.

18. Fl-**<u>ewwel aggravju tal-appell ewlieni</u>**, il-konvenuti Aquilina jibdew billi jilmentaw li l-Ewwel Qorti qieset ir-responsabbiltà tagħhom minn perspettiva żbaljata. Jinsistu li r-responsabbiltajiet ta' sid il-fond ta' fejn jitwettqu x-xogħlijiet huma differenti u inqas minn dawk li min iħaddem għandu lejn il-ħaddiema tiegħu. Minħabba f'hekk, jargumentaw li l-Ewwel Qorti telqet fuq sieq ħażina meta kejlet il-ħtija tagħhom mil-lenti tar-responsabbiltajiet li min iħaddem għandu fil-konfront tal-ħaddiema tiegħu.

19. F'dan il-kuntest, il-konvenuti Aquilina jisħqu li l-attur Anthony Ellul la kien impjegat tagħhom u lanqas ma tqabbad minnhom. Ifissru li kienet il-kumpanija GO p.l.c. li bagħtet lill-attur sabiex jagħmel ix-xogħlijiet ġewwa ħwejjiġhom u sewwasew sabiex jgħaddi s-servizzi ta' dik il-kumpanija għal ġewwa darhom. Fid-dawl ta' dan, il-konvenuti jargumentaw, li jekk xejn, il-każistika msemmija mill-Ewwel Qorti tgħodd biss sa fejn għandha x'taqsam ir-rabta ta' bejn l-attur u l-kumpanija GO p.l.c.

20. Jissoktaw billi jargumentaw li b'differenza mir-responsabbiltajiet ta' min iħaddem, ir-responsabbiltà tagħhom, bħala sidien tal-post ta' fejn sar ix-xogħol, kienet tasal sal-punt li jiżguraw li dawk l-ambjenti ta' ħwejjiġhom fejn normalment jgħaddu n-nies, ma jkunux ta' periklu.

21. Ifissru li fil-ħin li l-attur korra ġewwa ħwejjiġhom, huwa għażel minn jeddu li jgħaddi minn fuq ċerti ċnut u postijiet li mhumiex normalment aċċessibbli għan-nies. Iżidu li agħar minn hekk, huwa mank biss staqsihom jekk kienx hemm xi periklu li ried joqgħod attent għalih jew inkella qagħad attent kif mistenni f'postijiet ta' periklu.

22. F'dan il-qafas, il-konvenuti jirreferu għal bosta siltiet mill-ġurisprudenza sabiex isostnu l-argument tagħhom li l-attur Anthony Ellul ma għamilx użu ordinarju u raġonevoli minn ħwejjiġhom. Jgħidu li wara kollox, anke l-attur kien mistenni li juża l-għaqal ta' ġenitur tajjeb tal-familja f'dak kollu li jagħmel, u fuq is-saħħa ta' dan jisħqu li huma m'għandhom iġorru l-ebda ħtija għall-ħsara mġarrba minnu.

23. B'żieda ma' dan, jirraġunaw li l-Ewwel Qorti kellha wkoll teħlishom minn kull responsabbiltà għaliex il-korriment tal-attur lanqas ma kien prevedibbli għalihom. Jgħidu li huma ma setgħux jobsru li Ellul kien sejjer jaqbeż għal fuq is-saqaf tal-*perspex,* u dan anke għaliex dan qabad u tela' fuq iċ-ċnut b'ċertu ħeffa u b'tali mod li mank biss ma tahom ċans iwaqqfuh.

24. B'rabta ma' dan, ikomplu billi jfissru li l-post fejn korra l-attur, huwa maqtugħ għalkollox mill-bejt u diffiċli biex jintlaħaq — tant li anke waqt l-

aċċess miżmum ġewwa darhom, l-Ewwel Qorti lanqas biss ma telgħet fil-post fejn waqa' l-attur, għaliex huwa proprju diffiċli u perikoluż li wieħed jasal għal dak l-imkien.

25. Raġuni oħra li għaliha l-konvenuti Aquilina qegħdin jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha teħlishom minn kull responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni hija mbagħad mibnija fuq il-prinċipju ta' *volenti non fit iniuria,* li dwarha huwa t-**tieni aggravju tal-appell ewlieni**.

26. F'dan ir-rigward, il-konvenuti Aquilina qegħdin jinsistu li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' d-difiża li qajmu fit-tielet eċċezzjoni tat-tweġiba maħlufa tagħhom għall-kawża, fuq l-argument li l-attur Anthony Ellul impliċitament aċċetta li jassumi r-riskji kollha b'rabta ma' għemilu u dan hekk kif għażel li jgħaddi minn fuq iċ-ċnut tal-bejt tagħhom.

27. Fit-**tielet aggravju tal-appell ewlieni**, il-konvenuti Aquilina jissoktaw billi jistqarru li anke jekk din il-Qorti jidhrilha li huma għandhom iġorru xi responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni, is-sehem tagħhom għandu jkun ta' ħafna inqas minn dak ta' tmenin fil-mija (80%) u dan billi r-responsabbiltà kontributorja tal-attur Anthony Ellul kienet f'sehem akbar minn dak ta' għoxrin fil-mija (20%).

28. Mill-banda 'l-oħra, fl-**ewwel aggravju tal-appell inċidentali** l-attur

Anthony Ellul qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellha ssib l-ebda ħtija kontributorja f'għemilu u fid-dawl ta' dan qiegħed jisħaq li huma l-konvenuti Aquilina li għandhom jiġu mgħobbija bir-responsabbiltà kollha tal-ħsarat li ġarrab b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

29. Dwar dan, Anthony Ellul jibda billi jfisser li fil-jum li fih seħħ l-inċident, huwa kien liebes l-uniformi sħiħa, u ma kien hemm l-ebda lbies protettiv ieħor li huwa kien mistenni li jilbes. Jistqarr li għalkemm jista' jifhem għalfejn l-Ewwel Qorti saħqet dwar l-importanza tal-ilbies protettiv u dan sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-korrimenti fuq il-lantijiet tax-xogħol, madankollu jgħid li l-ilbies protettiv imsemmi mill-Ewwel Qorti bħal *«harness, helmet, elbow jew knee caps»* ma kinux meħtieġa jew addattati għax-xorta ta' xogħol li huwa kellu jwettaq fir-residenza tal-konvenuti Aquilina. Skont l-appellat Ellul, in-nuqqas tal-ilbies tat-tagħmir protettiv imsemmi mill-Ewwel Qorti ma kellux għalhekk jagħti lok għal xi responsabbiltà kontributorja min-naħa tiegħu.

30. L-attur jissokta billi jargumenta li n-negliġenza kontributorja tal-vittma hija dipendenti fuq il-prevedibbiltà tal-ħsara, u f'dan ir-rigward jinsisti li f'dan il-każ, dak l-element huwa nieqes.

31. Sabiex isostni dan, l-attur jirreferi għal xi siltiet mill-affidavit tiegħu, ix-xhieda ta' sieħbu Mario Demicoli u anke l-kontroeżami tal-konvenut

Josef Aquilina biex jisħaq li f'dan il-każ il-konvenuti naqsu milli jwissuh bil-periklu li kien hemm fuq il-bejt tar-residenza tagħhom, u sewwasew bis-saqaf tal-*perspex.*

32. L-attur jinsisti li f'dan il-każ, tali avviż kien aktar u aktar essenzjali għaliex il-lewn tas-saqaf tal-*perspex* kien *«indistingwibbli»* mill-bqija tal-bejt u għalhekk kien impossibbli għalih li janticipa l-periklu li kien jinsab fih. Jargumenta li minħabba f'hekk huwa ma seta' jagħmel xejn sabiex jevita jew inaqqas il-possibbiltà tal-korriment.

33. F'dan il-qafas, Anthony Ellul jikkonkludi li l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib li huwa ta' sehem għall-inċident inkwistjoni u jtenni li huma l-konvenuti Josef u Patricia Aquilina li għandhom jinżammu għalkollox responsabbli għall-ħsara kollha li huwa ġarrab b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

34. Il-Qorti wara li qieset l-argumenti tal-partijiet fid-dawl tal-provi li hemm fl-atti, tqis li la l-attur u lanqas il-konvenuti ma jistgħu jippretendu li m'għandhom jerfgħu l-ebda ħtija għall-inċident inkwistjoni u l-konsegwenzi kollha li rriżultaw minnu.

35. Sa fejn għandha x'taqsam mar-responsabbiltà tal-konvenuti Aquilina bħala s-sidien tad-dar ta' fejn sar is-servizz tax-xogħol, il-Qorti

tqis li għalkemm huwa minnu li r-responsabbiltà ta' dawn mhijiex l-istess bħal ta' dawk li jaqgħu fid-definizzjoni ta' *«min iħaddem»* fl-**Artikolu 2 tal-Att Dwar l-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol** (ara f'dan is-sens ***Paul Demicoli v. Ministeru għall-Politika Soċjali et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar, 2018 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2019), fl-istess waqt però wieħed ma jistax jinsa li r-responsabbiltà għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol tmur lil hemm mir-relazzjoni ta' bejn il-ħaddiem u min iħaddmu (ara ***Joseph Bonanno v. Malta Freeport Terminals Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

36. Huwa miżmum u aċċettat fil-ġurisprudenza li kull min ikollu taħt idejh il-kontroll tal-ambjent fejn ikun qiegħed jitwettaq xi xogħol, dan jibqa' xorta waħda mgħobbi bid-dmir ġenerali ta' *neminem laedere* (i.e. li ma jweġġa' lil ħadd), u għalhekk huwa mistenni li jagħmel dak kollu li jkun raġonevolment meħtieġ u prattiku sabiex jelimina, jew minn tal-inqas jevita kemm jista' jkun, il-perikli u r-riskji għal dawk li jkunu qegħdin jew sejrin iwettqu x-xogħlijiet f'dak l-ambjent li jkun taħt il-kontroll tiegħu (ara f'dan is-sens ***Geoffery Tanti v. Panta Contracting Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021).

37. Irrispettivament mill-fatt dwar jekk kinux il-konvenuti li qabbdu lill-Anthony Ellul sabiex imur jgħaddilhom is-servizzi tal-kumpanija GO p.l.c

jew le,  xorta waħda jibqa' l-fatt li huma ħallewh jidħol jaħdem ġewwa darhom u fuq hekk biss, huma kienu mgħobbija bir-responsabbiltà li l-Qorti għadha kif tirreferi għaliha (ara f'dan is-sens ***Mario Camilleri v. Maltacom plc u Daniel Mercieca*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar, 2008).

38. Għalkemm fir-rikors tal-appell il-konvenuti bħal donnhom qegħdin jippruvaw jagħtu l-impressjoni li huma ma setgħux jobsru minn fejn kien sejjer jgħaddi l-attur, għaliex dan bħal donnu tela' fuq il-bejt tad-dar tagħhom bħal-leħħa ta' berqa, fil-verità, mill-ġabra sħiħa tal-provi jirriżulta mod ieħor.

39. Ibda biex, mhuwiex il-każ li l-attur Anthony Ellul qabad lill-konvenuti fuq sieq waħda għaliex dawn ma kellhom l-ebda ħjiel dwar dak li kien sejjer jagħmel u minn fejn kellu bżonn jgħaddi. Mill-affidavit tal-konvenut Josef Aquilina stess jidher li huwa kien jaf sewwa li l-attur Anthony Ellul ried jitla' fuq il-bejt ta' daru sabiex idendel il-wajer tal-GO għall-ġewwa x-xaft li jinsab fl-istess residenza. Kemm hu hekk, Aquilina fisser li: *«Anthony Ellul tela' miegħi fuq il-bejt biex ikun jista' jnewwel il-cable lil sieħbu minn ġox-xaft.»* (ara l-affidavit tal-konvenut Josef Aquilina, f'paġna 101 tal-atti tal-kawża).

40. Naturalment, sabiex idendel il-wajer għal ġewwa x-xaft, l-attur

Anthony Ellul ried ta' bilfors jersaq qrib dak ix-xaft. U ġaladarba Josef Aquilina stess fisser li *«maġenb dan ix-xaft hemm kamra [li] sservi biex nonxru l-ħwejjeġ fiha li hija msaqqfa bil-pespex»,* (erġa' ara l-affidavit ta' Josef Aquilina f'paġna 101 tal-atti tal-kawża) u fil-kontroeżami huwa saħansitra kkonċeda li l-attur ried bilfors jgħaddi minn ħdejn dak is-saqaf tal-*perspex* sabiex jasal għal ħdejn ix-xaft (ara l-kontroeżami tal-konvenut Josef Aquilina, f'paġna 129 tal-atti tal-kawża), allura l-konvenuti ma jistgħux jiġu jgħidu li huma ma kinux qegħdin jistennew li l-attur seta' ma jintebaħx b'dak is-saqaf u li possibbilment anke jmidd saqajh fuqu.

41. Dan jgħodd aktar u aktar fil-każ tal-lum, meta wieħed iqis li għalkemm kien hemm ċint li jifred il-bejt tal-konkos mis-saqaf tal-*perspex,* dak iċ-ċint kien biss ta' nofs filata għoli (erġa' ara l-kontroeżami tal-konvenut Josef Aquilina f'paġna 129 tal-atti tal-kawża), u biex tkompli tgħaxxaq, il-lewn ta' dak is-saqaf kien mad-daqqa t'għajn jixbah ħafna wkoll għal-lewn tal-bejt tal-konkos (ara r-ritratti Dok E f'paġni 85 u 86 tal-atti tal-kawża).

42. F'ċirkostanzi ta' din ix-xorta, il-prinċipji tal-prudenza u tal-ħsieb ta' ġenitur tajjeb tal-familja kienu jitolbu lill-konvenuti Aquilina li javżaw bil-quddiem lill-attur Anthony Ellul bil-preżenza u bil-lok preċiż ta' dak is-saqaf tal-*perspex,* u dan speċjalment għaliex huma kienu jafu li dan ma kienx midħla ta' darhom, u jekk kien sejjer jagħmel pass ħażin, bħalma

fil-fatt għamel, is-saqaf ma kienx b'saħħtu biżżejjed biex jifilħu.

43. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma, li f'dan il-każ, il-konvenuti Aquilina kellhom aktar minn biżżejjed ħin sabiex iwissu lil Ellul bil-periklu li seta' jsib ruħu fih.

44. Kemm hu hekk, għalkemm fl-affidavit il-konvenut Josef Aquilina jipprova jagħti l-impressjoni li l-attur waqa' 'l isfel *«immedjatament»* hekk kif reħielha għal ħdejn ix-xaft (ara l-affidavit tal-konvenut Josef Aquilina, f'paġna 101 tal-atti tal-kawża), fil-kontroeżami però huwa qagħad aktar attent u fisser li bejn il-ħin li l-attur tela' fuq il-bejt, sakemm sema' ħoss ta' tisbita mal-art, kienu laħqu bejn wieħed u ieħor għaddew *«[f]tit minuti. Ftit, li 2 minutes maximum.»*

45. L-attur ma waqax għalhekk ħabta u sabta, u f'dak il-ħin kollu, il-konvenut Josef Aquilina seta' jew jitla' ħdejn l-attur sabiex iżomm għajnejh fuqu, jew minn tal-inqas iwissieh sabiex joqgħod attent li ma jirfisx fuq is-saqaf tal-*perspex* li kien hemm biswit ix-xaft.

46. F'dan il-każ jirriżulta biċ-ċar li l-konvenut Aquilina, m'għamel xejn minn dan, tant li fl-affidavit tiegħu huwa stqarr li ma kienx ħdejn l-attur x'ħin waqa' (ara l-affidavit tal-konvenut f'paġna 101 tal-atti tal-kawża), u fil-kontroeżami saħansitra ammetta li huwa lanqas ma wissa lil Ellul bil-

periklu tas-saqaf tal-*perspex* (ara l-kontroeżami ta' Josef Aquilina, f'paġna 127 tal-atti tal-kawża).

47. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija konvinta li kieku l-konvenuti Aquilina avżaw lill-attur bil-preżenza tas-saqaf tal-*pespex*, dan l-inċident għandu mnejn li ma kienx iseħħ, u għalhekk dan il-fatt waħdu huwa biżżejjed biex inissel ir-rabta ta' bejn in-nuqqas tal-konvenuti u l-ħsara mġarrba mill-attur b'kaġun tal-waqgħa minn fuq is-saqaf tal-*perspex*.

48. Kif imfisser tant tajjeb mill-ġurist **Francesco Ricci**: *«la colpa, che genera responsabilità civile non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anche quando ometto o trascuro di far ciò che avrei dovuto fare.»* (**Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. VI p. 118-119**). Maqlub għall-Malti dan ifisser hekk: li l-ħtija twassal għar-responsabbiltà ċivili mhux biss meta jkun hemm fatti iżda anke meta jirriżulta li jkun hemm nuqqas ta' fatti; b'dana li jkun hemm ħtija mhux biss meta wieħed jagħmel dak li ma kellux jagħmel, imma anke meta dak li jkun iħalli barra jew jittraskura milli jagħmel dak li kellu jagħmel.

49. Ġaladarba l-konvenuti Aquilina naqsu milli jagħmlu l-minimu billi jwissu lill-attur bil-periklu li kien jinsab fih, dawn ġew illi naqsu milli jieħdu

l-prekawzjonijiet li kienu meħtieġa fiċ-ċirkostanzi, u għaldaqstant il-konvenuti Aquilina ma jistgħux jiġu jgħidu li l-elementi tal-ħtija akwiljana ma jirriżultawx.

50. F'dan il-qafas, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-konvenuti Aquilina ma jistgħux jippruvaw ixejnu l-ħtija tagħhom fuq l-argument li Ellul seta' ma weġġax li kieku għamel moħħu hemm u ħadem b'iktar galbu.

51. Sabiex jista' jingħad li l-parti mġarrba nnfisha tkun taħti għalkollox għall-ħsara li tkun ġratilha, jeħtieġ li jintwera li din tkun għamlet xi ħaġa li biha qatgħet ir-rabta bejn l-għemil oriġinali bħala l-kawża u d-danni mġarrba bħala l-effett ta' dik il-kawża (ara f'dan is-sens ***Leonard sive Leo Attard v. John Camilleri et nomine*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2009).

52. F'dan il-każ il-konvenuti ma seħħilhomx juru li Ellul għamel xi ħaġa li biha qata' r-rabta ta' bejn in-nuqqas tagħhom li ma wissewhx bil-preżenza u l-periklu tas-saqaf tal-*pespex*, u d-danni mġarrba minnu b'kaġun tal-waqgħa minn fuq dak l-istess saqaf. Mod ieħor, kollox juri li dik ir-rabta baqgħet hemm.

53. Fis-sewwa, irrispettivament minn jekk Ellul ħadimx bil-għaqal li kien mistenni minnu jew le, jibqa' xorta waħda jgħodd dak li ngħad aktar kmieni

u sewwasew, li kieku dan ġie mwissi minn qabel bil-preżenza tat-tisqifa tal-*perspex*, Ellul kellu mnejn joqgħod ħafna iktar attent fejn kien imidd saqajh, u wisq probabbli, huwa ma kienx sejjer jirfes fuq dak is-saqaf u jaqa' għoli ta' madwar sular.

54. Il-konvenuti ma jistgħux għalhekk jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha teħlishom minn kull responsabbiltà għad-danni mġarrba mill-attur Anthony Ellul, u għal dawn ir-raġunijiet kollha l-ewwel aggravju tal-appell ewlieni qiegħed jiġi miċħud.

55. Hekk ukoll il-konvenuti Aquilina ma jistgħux jistennew li l-Ewwel Qorti kellha tiċħad it-talbiet tal-attur Anthony Ellul fuq is-saħħa tal-prinċipju tal-*volenti non fit iniuria.*

56. Kif ingħad f'għadd ġmielu ta' sentenzi, sabiex difiża bħal din tirnexxi, il-parti mħarrka jeħtiġilha turi li l-vittma mhux biss kienet taf bir-riskju involut, iżda wkoll kienet espressament (b'dikjarazzjoni) jew inkella impliċitament (bl-aġir tagħha) aċċettat li tirrinunzja għal kull jedd ta' reklam għad-danni li setgħet iġġarrab b'dak l-istess periklu (ara ***Charles Halliday et v. Alan Dimech Debono*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2009).

57. F'dan il-każ, il-konvenuti jeħlu sa mill-ewwel tarġa għaliex ma

wrewx li l-attur rifes fuq is-saqaf tal-*perspex* b'għażla tiegħu. Mod ieħor, kollox juri li l-attur rifes fuq is-saqaf tal-*perspex* bi żball għaliex ma ntebaħx biha, u għaldaqstant it-tieni aggravju tal-konvenuti Aquilina huwa manifestament bla sies.

58. Iżda daqskemm il-konvenuti ma jistgħux jeħilsu mir-responsabbiltà għal ħsara mġarrba mill-attur Anthony Ellul, b'kaġun tal-inċident tat-22 ta' Mejju, 2018, daqshekk ieħor però l-attur ma jistax iwaddab il-ħtija kollha tal-istess inċident fuq il-konvenuti.

59. Il-prinċipji ġenerali tal-liġi illi kull wieħed għandu jwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**), u li għandu jitqies fi ħtija kull minn fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (**Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili**), jgħoddu għal kullħadd, inkluż għall-parti li tbati l-ħsara.

60. Kemm hu hekk, il-liġi trid li f'dawk il-każijiet kollha fejn il-parti li tbati l-ħsara tkun hija stess ukoll tat lok għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, diliġenza jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, il-Qorti għandha tiddeċiedi f'liema sehem din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għal dik il-ħsara u minn hemmhekk għandu mbagħad isir tnaqqis proporzjonali tal-kumpens li jkun mod ieħor dovut lilha (ara l-**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili** u ***Peter sive Pierre Farrugia v. Id-Direttur tal-***

***Protezzjoni Ċivili et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2017).

61. Fil-każ tal-lum, ir-responsabbiltajiet tal-attur Anthony Ellul li jaħdem bil-galbu u li jieħu ħsieb tiegħu nnifsu fuq il-lant tax-xogħol, mhux biss jitnisslu mill-prinċipji ġenerali tal-liġi li l-Qorti għadha kif tirreferi għalihom, iżda wkoll joħorġu b'ċertu saħħa mil-liġi dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, li hija miġbura fl-**Att Dwar l-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (il-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta)**, u l-leġislazzjoni sussidjarja li taqa' taħtu.

62. Għalkemm veru li fi żmien li fih seħħ l-inċident, Anthony Ellul kien jaħdem għal rasu, madankollu d-definizzjoni ta' ***«ħaddiem»*** fl-**Artikolu 2 tal-Att** imsemmi, tiġbor ukoll fiha ***«persuna li timpjega lilha nfisha»***, u għaldaqstant Anthony Ellul kien marbut bir-responsabbiltajiet kollha li l-liġi tħalli f'ħoġor il-ħaddiem.

63. F'dan il-każ, l-attur Anthony Ellul kien għalhekk ukoll obbligat li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu (**Artikolu 7(1) tal-Att Dwar l-Awtorità Għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**), u dan b'mod partikolari billi joqgħod moħħu hemm f'dak kollu li jkun qiegħed jagħmel, kif ukoll illi joqgħod attent sabiex ma jpoġġix lilu nnifsu u anke lil ħaddieħor f'riskji żejda li ma jkunux meħtieġa (ara dwar ir-responsabbiltajiet tal-ħaddiem is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet: ***Alexander***

***Ciantar v Malta Freeport Terminals Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2019 u ***Barkeib Abdulmajead Asad Elmajead v. Auto Mechanical Engineering Services Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020).

64. Ta' min ukoll josserva, li bħala persuna li kien jaħdem għal rasu, f'dan il-każ, Ellul kien ukoll mgħobbi bid-dmir *«li jagħmel, jew li jiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xogħol»* (silta meħuda minn **Regolament 10(1) tar-Regolamenti Dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali Dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – L.S. 424.18)**.

65. Huwa proprju minn din l-evalwazzjoni tar-riskji li min jaħdem għal rasu għandu mbagħad jiddeċiedi dwar il-miżuri protettivi li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi, inkluż dawk dwar it-tagħmir protettiv li għandu jintuża (ara **Regolament 10(3) tar-Regolamenti Dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali Dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol)**.

66. Għalkemm, din il-Qorti tista' tifhem għalfejn Anthony Ellul qiegħed

jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tistennih li jilbes it-tagħmir protettiv imsemmi minnha minħabba n-natura tax-xogħol li kien sejjer iwettaq, fl-istess waqt, il-Qorti ma tistax però tagħlaq għajnejha għall-fatt li f'dan il-każ jirriżulta biċ-ċar li l-attur kien traskurat u naqas għalkollox milli jagħmel l-evalwazzjoni tar-riskji li għadha kif issir riferenza għaliha.

67. Fil-fehma tal-Qorti, dan in-nuqqas tal-attur iġorr miegħu ċertu piż. Dan qed jingħad mhux biss minħabba illi l-attur ma kienx familjari mal-post li mar jaħdem fih, iżda wkoll għaliex dak l-istess post kien taħt il-kontroll ta' persuni, jiġifieri l-konvenuti Aquilina, li ma setgħux raġonevolment jitqiesu li kienu midħla tax-xogħol li huwa kien sejjer iwettaq u b'hekk dawn ma setgħux jiġu mistennija li jkunu konxji tar-riskji kollha li dak ix-xogħol seta' jġib miegħu.

68. Jidher ukoll li l-parti l-kbira tax-xogħol tal-attur kienet tinvolvi l-installar tas-servizzi tal-kumpanija GO ġewwa r-residenzi privati tan-nies, (ara x-xhieda u l-kontroeżami ta' Mario Demicoli f'paġni 41 sa 43 tal-atti tal-kawża) u fih innifsu dan ix-xogħol kien jitlob lill-attur sabiex jitla' b'mod regolari fuq il-bjut tan-nies.

69. Bħala persuna ta' esperjenza li jitla' fuq il-bjut tan-nies, l-attur żgur u mhux forsi seta' jobsor bil-periklu li jkun hemm f'postijiet bħal dawn.

Għalhekk jekk f'dan il-każ huwa dehrlu li ma kellux għalfejn joqgħod jistaqsi lill-konvenuti dwar jekk kienx hemm xi ħaġa fuq il-bejt tagħhom li kellu joqgħod attent minnha, l-attur kien messu li ħadem b'aktar galbu u b'mod speċjali qies kull pass fejn kien sejjer imidd saqajh.

70. Hawnhekk il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li mad-daqqa t'għajn is-saqaf tal-*perspex* kien ta' lewn li jixbah il-kumplament tal-bejt, dan ma kienx però *«litteralment indistingwibbli mill-bqija tal-bejt»* bħalma qalet l-Ewwel Qorti, jew bħalma qiegħed jipprova jargumenta Anthony Ellul.

71. Fis-sewwa, mir-ritratti li qiegħed jirreferi għalihom Anthony Ellul stess, jiġifieri dawk immarkati bħala Dok E, f'paġni 85 u 86 tal-atti tal-kawża, jidher biċ-ċar li s-saqaf li sfronda bl-attur ma kienx tal-istess materjal bħall-bqija tal-bejt tal-konkos.

72. Mhux talli ma kinitx tal-istess kulur, iżda anke t-tessut tiegħu kien jidher differenti mill-bqija tal-bejt. Barra minn hekk, u bħalma osserva sewwa l-konvenut Josef Aquilina, dak is-saqaf lanqas ma kien fl-istess livell tal-bejt tal-konkos, u għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi kollha, l-għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja kienu jitolbu lill-attur sabiex joqgħod lura milli jirfes fuq dak is-saqaf, qabel ma jqis jekk dik l-istruttura kinitx magħmula minn materjal sod biżżejjed li seta' jirfes fuqu.

73. Fil-fehma tal-Qorti, l-attur seta' faċilment jagħmel dan kollu, jew billi sempliċement jistaqsi lil Josef Aquilina, jew inkella billi tal-inqas imiss l-art b'idejh sabiex jipprova jħoss jekk il-materjal ta' dak is-saqaf kienx sod biżżejjed.

74. F'dan il-każ, l-attur ma ħa l-ebda minn dawn il-prekawzjonijiet, u kollox juri li huwa medd il-pass tiegħu fuq is-saqaf tal-*perspex* bl-addoċċ għaliex huwa ma kienx qiegħed attent biżżejjed fejn kien miexi.

75. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti għall-konvinzjoni li daqskemm dan l-inċident seta' ġie evitat li kieku l-konvenuti indenjaw javżaw lill-attur bil-preżenza tas-saqaf tal-*perspex,* daqshekk ieħor li dan l-inċident ma kienx sejjer iseħħ li kieku l-attur kien qiegħed jaħdem bil-galbu u b'attenzjoni għas-sigurtà tiegħu nnifsu.

76. Jiġi b'hekk li l-partijiet jaħtu daqsinsew għal dak li ġara, u filwaqt li l-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tal-attur, mill-banda 'l oħra, u għall-istess raġunijiet li għadhom kif jingħataw, il-Qorti tqis li t-tielet aggravju tal-appell ewlieni tal-konvenuti Aquilina huwa mistħoqq.

77. Il-Qorti sejra b'hekk tkun qiegħda żżid is-sehem ta' responsabbiltà

kontributorja tal-attur Anthony Ellul mill-persentaġġ ta' għoxrin fil-mija (20%), għal dak ta' **ħamsin fil-mija (50%)**.

78. F'dan l-appell l-aggravji tal-partijiet ma tressqux biss b'rabta mal-mod ta' kif l-Ewwel Qorti qasmet ir-responsabbiltà bejn il-partijiet, iżda wkoll dwar l-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tad-danni.

79. Dwar dan, fir-**<u>raba' aggravju tal-appell ewlieni</u>** l-konvenuti Aquilina qegħdin jilmentaw kemm mil-likwidazzjoni tad-danni attwali (*damnum emergens*) kif ukoll anke mil-likwidazzjoni tat-telf ta' qligħ (*lucrum cessans*).

80. Sa fejn għandha x'taqsam mal-likwidazzjoni tad-danni attwali, il-konvenuti qegħdin jargumentaw li l-attur ma seħħlux jipprova t-telf imsemmi minnu għaliex huwa naqas milli jikkonferma bil-ġurament l-irċevuti tal-ispejjeż li ressaq fl-atti tal-kawża. Skont il-konvenuti, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis dawk l-irċevuti bħala prova u għalhekk kellha żżomm lura milli tillikwida d-danni attwali.

81. Dwar il-likwidazzjoni tat-telf ta' qligħ, il-konvenuti qegħdin jilmentaw, kemm li l-*multiplier* ta' disgħa u għoxrin sena huwa esaġerat kif ukoll anke mir-rata dħul li fuqha l-Ewwel Qorti ħadmet id-danni. Dwar din tal-aħħar, il-konvenuti qegħdin ifissru li l-Ewwel Qorti stess qalet li l-

attur ma ressaqx provi tajbin dwar id-dħul tiegħu u fid-dawl ta' dan jargumentaw li f'ċirkostanzi ta' din ix-xorta, dik il-Qorti ma setgħetx iddur lejn l-istatistiċi tal-paga medja f'Malta fis-sena 2018, kemm għaliex ma kienx hemm prova fl-atti dwarhom, kif ukoll għaliex dik il-Qorti kellha timxi mal-paga minima nazzjonali.

82. Anke l-attur Anthony Ellul ressaq ilment dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti likwidat it-telf ta' qligħ. Fil-fatt **<u>fit-tieni aggravju tal-appell inċidentali</u>** huwa jisħaq li l-persentaġġ ta' tmintax (18%) fil-mija bħala *lump sum payment reduction* huwa għoli wisq u minflok kellu jkun ta' erbatax fil-mija (14%).

83. Nibdew bl-ilmenti tal-konvenuti dwar il-likwidazzjoni tad-danni attwali.

84. Fl-essenza tiegħu, l-ilment tal-konvenuti huwa li d-danni attwali ma ġewx ippruvati skont il-liġi għaliex l-attur naqas milli jikkonferma bil-ġurament l-irċevuti tal-ispejjeż li nefaq b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

85. Dan ir-raġunament mhuwiex però tajjeb. Dan għaliex kif ingħad f'għadd kbir ta' sentenzi, sakemm ma jkunx hemm kontestazzjoni dwar l-awtentiċità ta' dokument, il-konferma bil-ġurament ta' dak id-dokument

ma ssirx meħtieġa bħala rekwiżit għas-siwi ta' dik il-prova (ara b'eżempju ***Faces Displays Limited v. Joseph Debono et*** mogħtija mill-Qorti tal-appell fit-3 ta' Ottubru, 2024 u ***Simone Eve Collett Sammut et v. Adam Sammut et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021).

86. F'dan il-każ, il-konvenut naqas milli jikkontesta l-awtentiċità tal-irċevuti waqt li kien għadhom miftuħa l-provi tal-partijiet, u għaldaqstant il-ħtieġa tal-konferma bil-ġurament ta' dawk l-irċevuti ma qamitx.

87. Fuq kollox, il-Qorti lanqas ma tara għalfejn għandha titħasseb dwar il-ġenwinità ta' dawk l-istess dokumenti.

88. Ibda biex l-irċevuta ta' erba' mitt ewro (€400) li nħarġet mill-konsulent ortopediku Massimo Abela (f'paġna 14 tal-atti tal-kawża), hija ttimbrata bħala vera kopja tal-oriġinal minn avukat.

89. Fit-tieni lok, il-kopja tal-irċevuta ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) (f'paġna 15 tal-atti tal-kawża), hija wkoll ittimbrata u ffirmata mill-fiżjoterapista Benjamin Aquilina. Kemm it-timbru kif ukoll il-firma ta' fuq l-irċevuta tal-aħħar jaqblu mat-timbru u l-firma li hemm fir-rapport mediku maħruġ mill-istess Benjamin Aquilina (ara Dok AE2, f'paġni 10 sa 12 tal-atti tal-kawża). Barra minn hekk, fl-istess rapport li ġie kkonfermat bil-ġurament fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2021, Aquilina semma li l-attur kien

imur iżuru għat-terapija kull ġimagħtejn, u waqt li tressaq jixhed dan speċifika li huwa kellu bejn tmien u għaxar sezzjonijiet ta' terapija mal-attur (f'paġna 52 tal-atti tal-kawża). Din ix-xhieda taqbel eżatt mal-għaxar sezzjonijiet li tniżżlu fuq l-irċevuta ta' mitejn u ħamsin ewro inkwistjoni.

90. Fit-tielet lok, u sa fejn imbagħad għandha x'taqsam l-irċevuta l-oħra ta' wieħed u disgħin ewro (€91), il-Qorti tosserva li din hija kopja ta' rċevuta fiskali maħruġa minn sptar privat. Tali rċevuta mhux biss iġġib data li hija qrib iż-żmien li fih korra l-attur, iżda hija saħansitra maħruġa fuq isem l-attur b'mod elettroniku.

91. L-Ewwel Qorti għalhekk kellha provi tajbin biżżejjed li setgħet toqgħod fuqhom sabiex tillikwida d-danni attwali, u għaldaqstant l-ilment tal-konvenuti dwar il-likwidazzjoni tad-danni attwali qiegħed jiġi miċħud.

92. Ma jistax però jingħad l-istess dwar l-ilmenti tal-partijiet sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-likwidazzjoni tad-danni dwar it-telf ta' qligħ.

93. Fl-ewwel lok, din il-Qorti taqbel mal-konvenuti Aquilina li fiċ-ċirkostanzi, it-tħaddim ta' *multiplier* ta' 29 sena, huwa esaġerat.

94. F'dan il-każ, fiż-żmien li fih seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attur kellu disgħa u tletin (39) sena (ara d-dettalji personali tal-attur fuq ir-rapport tal-

pulizija f'paġna 64 tal-atti tal-kawża) u għalhekk sakemm kellu jilħaq l-età tal-irtirar, li bħalissa hija ta' ħamsa u sittin (65) sena, l-attur kien fadallu sitta u għoxrin (26) u mhux disgħa u għoxrin (29) sena bħalma qalet l-Ewwel Qorti.

95. Imma anke kieku stess, l-Ewwel Qorti xorta waħda ma setgħetx tqis biss kemm l-attur kien fadallu sabiex jilħaq l-età tal-irtirar, jew inkella li f'dak iż-żmien huwa ma kienx ibati minn xi mard kroniku li seta' jnaqqaslu t-tul ta' ħajtu (ara paragrafu 51 tas-sentenza appellata).

96. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-Qorti m'għandhiex tasal għall-*multiplier* billi sempliċement tagħmel tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-vittma fi żmien tal-inċident. Minflok hija għandha tagħmel tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezzi li ġġib magħha l-ħajja (ara b'eżempju ***Trevor Grech v. Lawrence Agius*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023 u ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** deċiża fl-1 ta' Diċembru, 2021).

97. Fis-sewwa, anke l-aktar bniedem b'saħħtu, m'għandu l-ebda garanzija li sejjer jibqa' ħaj jew inkella li sejjer ikun kapaċi li jibqa' jaħdem sakemm jilħaq l-età tal-irtirar. Għalhekk il-*working life expectancy* m'għandhiex tiġi meqjusa kollha fil-kalkolu tal-*multiplier.*

98. Bħalma ngħad aktar kmieni, fi żmien li fih seħħ l-inċident, l-attur kien fadallu sitta u għoxrin sena sabiex jilħaq l-età tal-itirar, u għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ, ***multiplier*** **ta' wieħed u għoxrin (21) sena** huwa aktar ġust u ekwu għaż-żewġ partijiet.

99. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-ilmenti tal-konvenuti dwar ir-rata ta' dħul li ntużat mill-Ewwel Qorti bħala bażi għall-kalkolu tat-telf ta' qligħ, il-Qorti taqbel ukoll mal-konvenuti li l-Ewwel Qorti ma setgħetx timxi fuq l-ammont ta' €13,629 fis-sena jew iddur lejn il-paga medja kif mitbugħa mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

100. Fi żmien l-inċident, l-attur kien jaħdem għal rasu u għalhekk huwa ma kellu l-ebda garanzija li jagħmel profitt, aħseb u ara li jibqagħlu profitt daqs il-paga medja.

101. Tassew, mill-kopja tal-*profit and loss account* tal-attur għas-sena 2018 jidher li wara li tnaqqsu l-ispejjeż tan-negozju tal-attur, huwa kien fadallu f'butu qligħ ta' qabel it-taxxa fl-ammont globali ta' €8,755 (ara Dok AE3, f'paġna 13 tal-atti tal-kawża). Dan l-ammont huwa saħansitra ftit inqas mill-paga minima nazzjonali għas-sena 2018, li f'dak iż-żmien kienet fl-ammont ta' €172.51 fil-ġimgħa (ara l-iskeda mehmuża mal-**Ordni ta'** ***Standard*** **Nazzjonali Dwar l-Inqas Paga Nazzjonali – L.S. 452.71**).

102. Għalkemm il-Qorti tista' tifhem li fis-sena 2018, id-dħul tal-attur seta' kien daqshekk baxx għaliex din kienet l-istess sena li fiha huwa korra, madankollu l-attur naqas għalkollox milli jressaq xi prova oħra bħad-dokumenti tat-taxxa għas-snin ta' qabel is-sena 2018, sabiex juri lill-Qorti xi qligħ normalment kien jibqagħlu f'butu minn ħidmietu bħala *cable installer* għal rasu.

103. Naturalment, kien jaqa' f'ħoġor l-attur li jressaq provi ta' din ix-xorta, u fin-nuqqas ta' dawn, il-Qorti tqis li l-konvenuti qegħdin jgħidu sewwa li l-Ewwel Qorti kellha timxi fuq il-paga minima nazzjonali li kienet fis-seħħ fi żmien li fih korra l-attur, jiġifieri dik għas-sena 2018 (ara f'dan is-sens ***Emmanuel Farrugia et v. Mario Magri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ġunju, 2024, ***John Tanti v. Luke Anthony Saliba*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 2024 u ***Anthony Joseph Galea v. Vassallo Builders Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022).

104. Billi kif ingħad, fis-sena 2018, il-paga minima nazzjonali kienet fl-ammont ta' €172.51 fil-ġimgħa, il-Qorti sejra għalhekk tkun qiegħda taħdem mill-ġdid id-danni, fuq **ir-rata bażi ta' €8,970.52 fis-sena** (€172.51 x 52 = €8,970.52). Ma' dan l-ammont il-Qorti sejra tkun qiegħda żżid il-persentaġġ ta' sitta fil-mija (6%) sabiex jaħseb għall-inflazzjoni li

x'aktarx ser ikun hemm fil-futur. Din hija l-istess rata li applikat l-Ewwel Qorti, u li l-ebda parti ma ressqet xi ilment dwarha (ara paragrafu 55 tas-sentenza appellata).

105. Jifdal biss il-kwistjoni dwar il-*lump sum reduction* ta' 18% li l-attur Anthony Ellul qiegħed jilmenta dwarha fit-tieni aggravju tal-appell inċidentali.

106. Għalkemm il-Qorti ma taqbilx mal-attur fejn qiegħed jgħid li t-tnaqqis ta' 2% għandu jibda jsir miż-żmien li fih huwa korra u mhux minn meta ressaq il-kawża, din il-Qorti jidhrilha li l-attur xorta waħda għandu raġun jgħid, li f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti kellha tapplika persentaġġ li huwa inqas minn dak ta' 18%.

107. Sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, din il-Qorti kienet u baqgħet sal-lum il-ġurnata tħaddan il-pożizzjoni li t-tnaqqis minħabba li l-ħlas ikun sejjer isir f'daqqa, għandu jsir bir-rata fissa ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum għaddejja (ara ***Samantha Formosa v. Kevin Micallef*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar, 2024, ***Trevor Grech v. Lawrence Agius*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023 u ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** deċiża fl-1 ta' Diċembru, 2021).

108. Peress li din il-kawża tressqet fil-bidu tas-sena 2020 u l-Ewwel Qorti qatgħetha lejn l-aħħar parti tas-sena 2023, it-tnaqqis li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti kellu jkun dak ta' 14% u mhux ta' 18%.

109. Billi iżda tressaq dan l-appell, l-attur għadu ma ħa xejn sa issa, u la l-kwistjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni baqgħet miftuħa sa dan l-istadju, il-Qorti tqis li għandha tieħu qies tal-fatt li fi żmien li fih qiegħda tingħata din is-sentenza laħqu għaddew kważi erba' snin b'kollox mid-data li fiha tressqet din il-kawża. Jixraq għalhekk li **t-tnaqqis minħabba li l-ħlas sejjer ikun qiegħed isir f'daqqa (*lump sum reduction*), għandu jsir bir-rata ta' tnax fil-mija (12%).**

110. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-ammont globali ta' danni li l-konvenuti għandhom iħallsu lill-attur huwa dak ta' **<u>€7,399.37</u>**.

111. Il-Qorti qiegħda tasal għal din is-somma billi tapplika l-*multiplier* ta' 21 sena fuq ir-rata bażi tad-dħul ta' €8,970.52, li jwassal għas-somma ta' €188,380.92 *(€8,970.52 x 21 = €188,380.92)*. Jekk inżidu din is-somma bir-rata ta' 6% minħabba l-għoli tal-ħajja, u mbagħad innaqsuha b'mod proprozjonat għall-persentaġġ ta' diżabbiltà ta' 8%, li ma tressaq l-ebda aggravju dwaru, naslu għas-somma ta' €15,974.70 *([€188,380.92 x 1.06] x 0.08 = €15,974.70).* Wara li nnaqsu din is-somma tal-aħħar bir-rata ta' 12% minħabba li l-ħlas sejjer ikun qiegħed isir f'daqqa, naslu għall-

ammont ta’ €14,057.74 *(€15,974.70 x 0.88 = €14,057.74)* li jirrappreżenta t-telf ta’ qligħ.

112. Dan l-ammont tal-aħħar, meta jiżdied mal-ammont ta’ €741 bħala danni attwali (ara paragrafu 40 tas-sentenza appellata) iwassal għall-ammont globali ta’ €14,798.74.

113. Peress li aktar kmieni f’din l-istess sentenza, il-Qorti laqgħet ukoll it-tielet aggravju tal-appell ewlieni tal-konvenuti u żiedet il-ħtija kontributorja tal-attur fil-grad ta’ 50%, is-somma ta’ €14,798.74 għandha titnaqqas proporzjonalment (ara l-**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili**) biex b’hekk naslu għall-ammont finali u definittiv ta’ **€7,399.37** *(€14,798.74 x 0.5 = €7,399.37)*.

114. Sabiex l-affarijiet ikunu ċari, il-Qorti sejra tkun qiegħda tordna li l-imgħaxijiet fuq din is-somma tal-aħħar għandhom jibdew jgħaddu mid-data ta’ din is-sentenza u dan billi l-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tad-danni, speċjalment f’dak li għandu x’jaqsam mat-telf ta’ qligħ reġa’ sar mill-ġdid. Barra minn hekk, kien hemm ukoll żieda b’saħħitha fil-grad ta’ ħtija kontributorja tal-attur, li b’kollox wassal għal tnaqqis sinifikanti fl-ammont ta’ danni. Ċirkostanzi ta’ din ix-xorta huma b’saħħithom biżżejjed biex jagħtu lok għat-tħaddim tal-prinċipju ta’ *in illiquidis non fit mora* (ara f’dan is-sens ***Peter Plant Limited v. Water Services Corporation*** mogħtija

mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Mejju, 2024).

115. Fl-aħħar nett u sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti sejra tkun qiegħda toqgħod lura milli tibdel is-sentenza appellata sa fejn għandu x'jaqsam mal-kap tal-ispejjeż, għaliex il-konvenuti ma ressqu l-ebda aggravju speċifiku dwar dik il-parti tas-sentenza appellata. Min-naħa l-oħra, l-aggravju tal-attur dwar il-kap tal-ispejjeż lanqas ma jista' jintlaqa' u dan għaliex il-Qorti żiedet u mhux naqset is-sehem tiegħu mir-responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa' f'biċċa minnu**, kemm l-appell ewlieni tal-konvenuti Josef u Patricia Aquilina, kif ukoll l-appell inċidentali tal-attur Anthony Ellul, u għalhekk qiegħda tibdel is-sentenza appellata billi: (i) issib lill-konvenuti Josef u Patricia Aquilina responsabbli għall-inċident li seħħ fit-22 ta' Mejju, 2018, fil-grad ta' ħamsin fil-mija (50%) u mhux fi grad ta' tmenin fil-mija (80%); (ii) tillikwida d-danni fl-ammont ta' sebat elf tliet mija u disgħa u disgħin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€7,399.37) minflok is-somma ta' tnejn u għoxrin elf seba' mija u tmienja u għoxrin ewro (€22,728); u (iii) tikkundanna lill-konvenuti sabiex flimkien bejniethom iħallsu lill-attur Anthony Ellul is-somma likwidata, flimkien mal-imgħaxijiet mill-jum ta' din

is-sentenza sal-jum tal-pagament effettiv.

Mill-bqija, is-sentenza appellata għandha tibqa' kif inhi, u dan sakemm hija kompatibbli ma' din is-sentenza.

Billi kull parti kienet rebbieħa u telliefa f'xi punti tal-appell rispettiv tagħha, il-Qorti, bi tħaddim tal-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha kemm b'rabta mal-appell prinċipali kif ukoll dawk dwar l-appell inċidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss